REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/991

tat-12 ta' Ġunju 2017

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 fir-rigward tal-volum tal-kwota tariffarja tal-Unjoni għal frawli frisk li joriġina mill-Eġittu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 tad-9 ta' April 2001 li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' tariffa ta' kwoti tal-Komunità u ta' kwantitajiet ta' referenza għall-prodotti eliġibbli għal preferenzi bis-saħħa ta' ftehim ma' ċerti pajjiżi tal-Mediterran u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1981/94 u (KE) Nru 934/95 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni (UE) 2017/768 [2], il-Kunsill awtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll").

(2) It-test tal-Protokoll, li huwa mehmuż mad-Deċiżjoni (UE) 2017/768, huwa previst għal żieda fil-volum tal-kwota tariffarja tal-Unjoni applikabbli għal frawli frisk li joriġina mill-Eġittu għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni.

(3) Jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 747/2001 sabiex tiġi implimentata ż-żieda fil-kwota tariffarja stipulata fil-Protokoll.

(4) Jenħtieġ li ż-żieda fil-kwota tariffarja tapplika mill-1 ta' Lulju 2013 meta l-Protokoll jibda japplika provviżorjament skont l-Artikolu 8(3) tiegħu u sakemm jidħol fis-seħħ.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 747/2001, ir-ringiela għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.1799 tinbidel b'dan li ġej:

"09.1799	0810 10 00		Frawli, frisk	Mill-1.10.2010 sat-30.4.2011	10 000	Eżenzjoni".
				Mill-1.10.2011 sat-30.4.2012	10 300	
				Mill-1.10.2012 sat-30.4.2013	10 609	
				Mill-1.10.2013 sat-30.4.2014	11 021	

[1] ĠU L 109, 19.4.2001, p. 2.
[2] ĠU L 115, 4.5.2017, p. 1.

				Mill-1.10.2014 sat-30.4.2015 Mill-1.10.2015 sat-30.4.2016 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.10. sat-30.4..	11 349 11 687	

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER